A.L. 293 ta' l-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 316 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kors li jwassal għall-Grad fil-Midwifery jew fi kwalunkwe qasam ta' speċjalizzazzjoni fil-Midwifery huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fl-istess qasam ta' studju bħal qasam ta' speċjalizzazzjoni li qegħdin japplikaw għalih; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju relatat mill-qrib mal-qasam ta' speċjalizzazzjoni li qegħdin japplikaw għalih; jew

(ċ) grad ta' Bachelor fil-Health Science miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri, flimkien ma' kwalifika ta' *State Registration* fil-Midwifery."